# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru:** 669/15 DMA

**Argus Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogate fid-drittijiet tal-assigurata taghha Karen Ellul, u l-istess Karen Ellul**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali Mellieha u b'digriet tat-Tribunal tas-17 ta' Settembru, 2015 giet kjamata in kawza 'Transport Malta'.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Awissu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet:

1. Nhar il-15 ta' Settembru 2014 sehh incident fi Triq il-Marfa, mellieha ghall-habta tal-7:00a.m. illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 761 propjeta' tal-attrici Karen Ellul soffriet hsarat wara illi

saqet fuq sprall miftuh illi kien hemm fit-triq. Dan kien dovut ghal xogholijiet effetwati mill-Kunsill konvenut b'mod traskurat u/jew bhala rizultat tan-nuqqas da part ital-istess Kunsill konvenut illi jzomm l-imsemmija triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u/jew bhala rizultat ta' culpa in eligendo vel vigilando da parti tal-istess Kunsill;

2. Illi ghalhekk il-Kunsill konvenut ghandu jigi kkundanat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u sebgha u disghin Ewro (€397.00), rapprezentani in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (€55.00) l-excess payment illi l-attrici Karen Ellul hallset in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' tliet mija u tnejn u erbghin ewro (€342.00), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Argus Insurance Agencies Limited noe abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Gunju 2015 u dawk ta' l-ittra ufficjali illi qieghda tintbaghat lill-Avukat Generali er kontestwalment ma' dana l-Att, u bl-interessi liegali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju, 2015 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-Kunsill konvenut , bl-ingunzjoni tal-Kunsill in subizzjoni.

Il-Kunsill konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn eccepixxa:

1) Illi, preliminarjament, il-Kunsill intimat jirrileva li l-azzjoni m'hiex komptenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal stante illi fejn jirrizultaw danni materjali minn incident stradali hija l-kompetenza eskluzziva tac-Centru Malti tal-Arbitragg a tenur tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Illi l-Kunsill intimat mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzjiu stante li l-incident sehh fi triq arterjali u ghalhekk taht ir-responsabilita' tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta.

3) Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fid-dawl  ta' dan is-socjeta' attrici talbet lil Transport Malta li wara li giet notifikata pprezentat risposta fil-11 ta' Dicembru, 2015 fejn eccepiet illi preliminarjament l-Awtorita' intimata tecepixxi li t-talbiet attrici hija intempestiva stante li l-Awtorita' intimate qatt ma giet infurmata bl-allegat incident u lanqas ma giet interpellata biex tersaq ghall-hlas tal-allegati danni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimate tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici u lil attrici li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentament, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal semgha x-xhieda fosthom Karen Ellul is-sewwieqa tal-vettura inxurjata mas-socjeta' attrici u li garbet il-hsarat, fejn spjegat il-hsart kif sehhew.

Il-partijiet trattaw il-kaz. Is-socjeta' attrici f'dan il-kaz qed titlob hlas li hija hallset lil assikurata taghha wara li kellha hsarat minhabba nuqqas ta' manutenzzjoni. Il-Kunsill Lokali Mellieha jsostni li din it-Triq ma taqax that ir-responsabilita tieghu. Min-naha l-ohra t-Transport Malta tghid illi hija ghandha kuntratt mal-kuntrattur dwar il-manuntenzjoni.

It-Tribunal iqies illi dan il-kaz gie ampjament ippruvat fejn is-sewwieqa kienet ghaddeja bi speed moderat tant illi waqfet mal-ewwel. Deher car illi ma kienx hemm mezz kif tevita din il-hsara.

Transport Malta min-naha l-ohra minkejja li pprezentaw ritratti li sahansitra ittiehdu dakinhar tal-incident xorta tibqa' il-kwistjoni tal-hin. Il-hin tal-incident sehh fis-6.45a.m. filwaqt illi l-ufficjali tat-Transport malta johorgu aktar tard minn hekk jew ghallinqas waslu l-Mellieha tard iktar minn hekk.

Ghaldaqstant huwa car illi t-Transport Malta bhala responsabbli ghal din it-triq ghandha thallas l-ispejjez lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tliet mija u sebgha u disghin Ewro (€397.00), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu ta' Transport Malta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**